**16 ta' Jannar, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Paolo Buhagiar

*versus*

Alfred *sive* Freddie Gruppetta

## Habta - Impjegat tal-Gvern - Garanzija għall-Ispejjeż ta' l-Appell

*Din il-kawża hija dwar habta bejn vetturi misjuqa mill-kontendenti. Il-konvenut, impjegat bħala xufier mal-Gvern, tilef il-kawża u appella, iżda ma għamilx garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell. Huwa ssottometta li tali garanzija mhix meħtieġa.*

*L-artikolu 247 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jistabbilixxi r-regola ġenerali li ebda petizzjoni ta' l-appell ma ghandha tiġi riċevuta jekk ma tkunx akkompanjata minn garanzija ghall-ispejjeż ta' l-appell.*

*Ghal din ir-regola l-liġi stess, fl-artikolu 248, taghmel ċerti eżenzjonijiet, fosthom meta l-appell isir f'isem dipartiment tal-Gvern. Però, il-każ preżenti ma jaqax taht dik l-eżenzjoni. L-azzjoni ta' l-attur appellat ġiet eżerċitata kontra l-konvenut appellant personalment, ir-relazzjonijiet ġuridiċi ta' l-attur appellat huma mal-konvenut appellant personalment u jekk l-azzjoni jkollha ezitu favorevoli l-attur appellat ikun jista' jesegwixxi s-sentenza kontra l-konvenut appellant biss.*

*Iċ-ċirkostanza li l-Gvern jiddefendi l-impjegati tieghu tant li jipprovdilhom assistenza legali u jhallas l-ispejjeż ta' l-atti ġudizzjarji u ċ-ċirkostanza li jonora s-sentenzi li jinghataw kontra taghhom ma jbiddilx il-posizzjoni legali billi ma jistax jinghad illi, minhabba dawk iċ-ċirkostanzi, l-appell sar f'isem dipartiment tal-Gvern.*

*Mhux leċitu li l-kliem tal-liġi jiġu estiżi b'mod li jiġu maghmula jkopru eżenzjonijiet li hu ċar li ma jistghu jaqghu tahtu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premess li minhabba negliġenza fis-sewqan, il-konvenut waqt li kien isuq gaffa fl-Imqabba, fl-20 ta' Jannar, 1976, habat mat-trakk ta' l-attur tal-marka Bedford, numru 12607 u kkaġunalu hsara konsiderevoli sia fl-istess trakk kif ukoll f'telf tax-xoghol bih kif jiġi sjegat ahjar tul it-trattazzjoni tal-kawża. Premess li l-konvenut sal-lum baqa' ma hallasx dawn id-danni nonostante li ġie interpellat darbtejn bonarjament. Prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u moghti kull provvediment opportun, talab ghar-raġunijiet premessi: (1) il-konvenut jiġi ddikjarat responsabbli

unikament għad-danni hekk sofferti mill-istess attur; (2) li din il-Qorti tillikwida l-istess danni hekk sofferti okkorrendo per opera ta' periti *eligendi* u tordna lill-konvenut iħallas l-istess danni, kif jiġu llikwidati; bl-interessi legali; bl-ispejjeż komprizi żewġ ittri legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa li d-domandi ta' l-attur huma nsostenibbli peress illi l-ħabta ġrat bi ħtija ta' l-attur kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub huwa esaġerat ferm u ma għandhomx jitħallsu ittri legali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Marzu, 1981, li biha laqgħet it-talbiet attriċi u prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsibbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur bħala danni, tliet mija, sitta u erbgħin lira Maltija (Lm346) - l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut, wara li kkunsidrat illi:

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 1981;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fl-1 ta' April, 1981, li biha, għar-raġunijiet hemm esposti, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija

billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u b'hekk tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fis-7 ta' April, 1981, li biha ssottometta li l-petizzjoni tal-konvenut appellant hija aktar milli nulla hija ineżistenti għaliex mhux ippreżentata flimien mal-garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell u konsegwentement l-appell in eżami huwa rritu u null u illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, is-sentenza appellata hija tajba u timmerita konferma, bl-ispejjeż ta' l-appell għall-istess konvenut appellant;

Rat l-atti l-oħra opportuni u relevanti;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-attur appellat qiegħed jissottometti illi l-petizzjoni tal-konvenut appellant hija nulla, anzi ineżistenti, billi ma ġietx akkumpanjata minn garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell u li kwindi l-appell huwa irritu u null;

Din is-sottomissjoni ta' l-attur appellat hija bbażata fuq l-artikolu 247 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jiddisponi espressament li "ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża";

Min-naħa tiegħu l-konvenut appellant qiegħed jissottometti li l-imsemmija garanzija ma kinitx meħtieġa billi hu mpjegat bħal xufier mal-Gvern, il-gaffa misjuqa minnu u nvoluta fl-inċident kienet tal-Gvern, il-Gvern skond il-*policy*

tieghu mfisser fl-Estacode jiddefendi l-impjegati tieghu xufiera tant li tinghatalhom assistenza legali permezz *ta' avukat tas-servizz* pubbliku u l-ispejjeż kollha in konnessjoni mal-kawża jithallsu mill-Gvern u billi l-veikoli tal-Gvern mhumiex koperti minn assikurazzjoni s-sentenzi f'kawżi kontra l-istess xufiera mpjegati mal-Gvern dejjem ġew onorati (ara nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut tal-11 ta' Novembru, *1981*);

Ikkunsidrat:

L-*artikolu* 247 (1) *fuq imsemmi jistabbilixxi r-regola* ġenerali li ebda *petizzjoni* ta' l-appell ma ghandha tiġi riċevuta jekk ma tkunx akkumpanjata minn garanzija ghall-ispejjeż ta' l-appell. Ghal din ir-regola l-liġi stess fl-artikolu *248 taghmel* ċerti *eżenzjonijiet* u tiddisponi li l-imsemmija garanzija mhix meħtieġa fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 43 u 172 (i.e. appelli msemmija fl-artikolu 6 tal-Liġi dwar il-Legati *taż-Żwieġ* u appelli mill-Qorti tal-Maġistrati rispettivament) jew meta l-appell isir minn sentenza li tkun ċaħdet it-talba ghall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament jew meta l-appell isir fl-isem ta' Dipartiment tal-Gvern jew ta' amministrazzjoni taħt il-Gvern jew fil-każ ta' talba ghall-ammissjoni tal-benefiċċju *tal*-garanzija b'ġurament jew fil-każ ta' talbiet oħra kollaterali;

Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti li l-każ preżenti ma jaqa' taħt ebda wieħed mill-każijiet ta' eżenzjoni msemmija fil-liġi fuq iċċitata ghar-regola ġenerali li tesiġi li l-petizzjoni tkun akkumpanjata mill-garanzija ghall-ispejjeż. L-azzjoni ta' *l*-attur appellat ġiet eżerċitata kontra l-konvenut appellant personalment, ir-relazzjonijiet ġuridiċi ta' l-attur appellat huma mal-konvenut appellant personalment u jekk *l-azzjoni jkollha* eżitu favorevoli, l-attur appellat ikun jista' jesegwixxi s-sentenza kontra l-konvenut appellant biss. Iċ-ċirkostanza fuq imsemmija li l-Gvern jiddefendi l-impjegati *xufiera tieghu tant*

li jipprovdilhom assitenza legali u jħallas l-ispejjeż ta' l-att ġudizzjarji u ċ-ċirkostanza li jonora s-sentenzi li jingħatw kontra tagħhom ma jbiddilx il-posizzjoni legali billi ma jistax jingħad illi, minħabba dawk iċ-ċirkostanzi, l-appell sar fl-isem ta' Dipartiment tal-Gvern jew ta' amministrazzjoni taħt il-Gvern, f'liema każ kienet tkun tapplika waħda mill-eżenzjonijiet fuq imsemmija. L-appell sar mill-konvenut appellant personalment u dana appuntu billi l-kawża saret kontra tiegħu personalment. Mhux leċitu li l-kliem tal-liġi jiġu estiżi b'mod li jiġu magħmula jkopru eżenzjonijiet li hu ċar li ma jistgħux jaqgħu taħtu. Il-kliem tal-liġi huma ċari - l-eżenzjoni hija mogħtija meta l-appell isir fl-isem ta' Dipartiment tal-Gvern jew ta' amministrazzjoni taħt il-Gvern u mhux fil-każ ta' appell magħmul minn individwu personalment (bħal f'dan il-każ) anke jekk dak l-individwu personalment *(bħal f'dan il-każ) anke jekk dak l-individwu jkun impjegat tal-*Gvern u jkun inkorra l-obbligu tiegħu vis-a-vis min jazzjonah fil-kors tal-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala mpjegat tal-Gvern. A propożitu japplikaw il-prinċipji fondamentali ta' l-ermanewtika: *ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda volutnatis questio* u *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*;

Lanqas mhu applikabbli għall-każ preżenti l-artikolu 908 (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili invokat mill-konvenut appellant, li jiddisponi li l-Gvern hu meħlus minn kull garanzija li tkun ordnata jew mitluba billi, skond l-istess artikolu 908, din ir-regola hija applikabbli biss "fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet partikolari li jgħidu l-kuntrarju dwar il-garanzija" u fil-każ preżenti hemm id-disposizzjonijiet partikolari fuq iċċitati, ċjoè l-artikoli 247 u 248 li jinsabu taħt it-titolu "Digrieti, Sentenzi u Appelli", liema disposizzjonijiet partikolari għandhom jirregolaw din il-materja;

Fl-aħħarnett il-Qorti tosserva illi l-imsemmi nuqqas tal-

konvenut appellant li jagħti garanzija ma jistax jiġi ssanat f'dan l-istadju billi l-garanzija, kif jidher mill-kliem ta' l-artikolu 247 (1) għandha takkompanja l-petizzjoni ta' l-appell meta din tiġi pprezentata (ara f'dan is-sens is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta fit-30 ta' Settembru, 1983 fil-kawża fl-ismijiet **Bennetti** *vs* **Bennetti**, u l-ġurisprudenza hemm iċċitata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara l-appell interpost mill-konvenut appellant irritu u null. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-konvenut appellant.